MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Numru. 462/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Abdilla)**

**vs.**

**Daphne Farrugia u**
**Gigliola Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Daphne Farrugia ta’ 17-il sena, bint Carmelo u Rose Mary nee’ Mifsud, imwielda tal-Pieta’ fis-26 ta’ Lulju, u li toqghod St. Francis Flats, Flat 2, Triq il-Mazzola, Bugibba. Detentrici tal-karta tal-identita’ numru 471791M; u

Gigliola Farrugia ta’ 17-il sena, bint Carmelo u Rose Mary nee’ Mifsud, imwielda tal-Pieta’ fis-26 ta’ Lulju, 1991, u li toqghod St. Francis Flats, Flat 2, Triq il-Mazzola, Bugibba. Detentrici tal-karta tal-identita’ numru 471891M.

Akkuzati talli matul is-snin 2007 u 2008 gewwa dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamlu qliegh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Felix Falzon.

Il-Qorti kienet giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata l-1 ta' Frar, 2010 (esebita a fol. 77 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18, 308, 309, 310 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-23 ta' Frar, 2011, l-imputati ddikjaraw li huma m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Wara li semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Dawn il-proceduri huma dwar allegata frodi kommessa fil-kuntest ta' relazzjoni *sui generis* bejn l-imputati u l-parte civile Felix Falzon. Ma hemmx qbil fuq il-fatti bejn il-verzjonijiet tal-parte civile, Felix Falzon u tal-imputati li huma tewmin identici. Ghalhekk il-Qorti se tirriproducihom fil-qosor il-verzjoni ta' kull parti.

Meta nqala l-incident Felix Falzon kellu tletin (30) sena u kien jahdem go fabbrika. Hu jbati minn dizabilita ghax ghalkemm hu mhux trux u mutu ghal kollox, ibati biex jikkomunika. F'Dicembru 2007 iltaqa' mal-imputati gewwa Paceville. L-imputati huma tewmin u dak iz-zmien kellhom sittax (16)-il sena. Huwa ried isir habib taghhom. Kienu jiltaqghu Bugibba u Paceville, u kien ihallsilhom id-drinks u ikel. Pero l-imputata Daphne Farrugia bdiet titolbu biex jaghtiha l-flus biex taghmel xagharha, tixtri l-hwejjeg, taghmel difrejha u xtaqet tixtri karozza. Hi qaltlu li wara tmur tahdem u l-flus taghtihomlu lura. Kienet tghidlu li jekk ma jaghtihiex il-flus issabbat rasha, biex ommha tithassarha. Meta kienet tiltaqa' mieghu ghal flus kienet tmur ma ohtha Gigliola. Fiz-zmien meta ltaqghu qaltlu li ma kienitx tahdem. Bejn Jannar 2008 u Awwissu 2008 ma baqghux jiffrekwentaw lil xulxin, ghax skond hu, Daphne siefret l-Italja.

Skond f'Awwissu 2008 Daphne regghet ikkuntatjatu u qaltlu li kienet thobbu u xtaqet li 'l-quddiem jizzewwgu. Daphne regghet bdiet tghidlu biex jaghtiha l-flus u kienet tibghatlu messaggi fuq il-*mobile.* Hu jghid ukoll li Gigliola ukoll kienet tghidlu biex jaghtiha l-flus ghax ma kienitx tahdem. Daphne qaltlu li xtaqet tiltaqa kemm mal-genituri tieghu kif ukoll mal-genituri taghha. L-ahhar darba li iltaqghu kien fl-1 ta' Novembru 2008, meta qalilha li l-flus il-bank kienu spiccawlu. Waqt l-investigazzjoni, huwa qal lill-ufficjal prosekutur li kien tahom b'kollox erbat elef mitejn u tletin lira Maltin (LM4230) – ara Dok IC6[1] -, imma

[1] A fol. 24 tal-process.

waqt ix-xhieda tieghu qal li tahom sitt elef lira Maltin (LM6000). Mill-flus li tahom, ma tawh xejn lura.

Felix Falzon irrikonoxxa wkoll id-Dok IC5[2] bhala li huma l-messaggi li kienu jintbaghtu mill-mobiles tal-imputati fuq il-mobile tieghu. Dawn il-messaggi jinsabu wkoll fir-rapport tal-espert tekniku Martin Bajada ezebit bhala Dok. MB1.[3] Skond Falzon, dawn il-messaggi huma mibghuta mill-mobiles ta' Daphne u Gigliola jghidulu li jhobbuh u jitolbuh il-flus.

Min-naha l-ohra, l-imputata Daphne Farrugia xehdet li hi u ohtha ltaqghu ma' Falzon f'Paceville. Ghall-ewwel ma riedux jaghmlu hbieb mieghu, tant li hargu mill-istabbiliment fejn kienu u hadu taxi lura d-dar. Pero l-weekend ta' wara regghu iltaqghu go bar iehor u Falzon kien hemm ma xi terzi persuni, u hu mar ikellimhom u ghamlu hbieb. Baqghu jiltaqghu, pero, Daphne kienet thoss li Falzon kien qed jiffittaha u qaltlu li siefret biex taqta' minn mieghu. Pero wara xi zmien regghu bdew johorgu flimkien, pero hi dejjem kienet tiehu lil ohtha Gigliola maghha, ghax tghid li kienet tibza' tiltaqa' mieghu. Fix-xhieda taghha hi cahdet li kienet talbitu xi flus. Hi qalet li Falzon kien joffrilha cards ghall-*mobile* ghax dak iz-zmien ma kienitx tahdem. Huwa gieli hallsilhom xi *drink* u xi drabi kienu jmorru jieklu u jhallas hu. Gieli xtralha ukoll xi hwejjeg. Hi xehdet ukoll li meta staqsiha biex tizzewwgu, qaltlu li kienet ghada zghira ghal mieghu. Xehdet ukoll li ma tiftakarx in-numru tal-*mobile* li kellha dak iz-zmien, u cahdet li l-messaggi li kien hemm fuq il-mobile ta' Falzon baghtithom hi. Hi baqghet mieghu sa ma kellha sbatax (17)-il sena u baqghet mieghu ghax hu kien jghidilha li jekk titilqu kien se jaghmel xi haga, u hi kienet tithassru. Daphne xehdet li qatt ma harget wahedha ma' Falzon ghax dejjem kienet tiehu lil ohtha Gigliola maghha.

Fl-istqarrija taghha, Daphne qalet li hi u ohtha kienu iltaqghu ma' Falzon f'Paceville u kienu skambjaw in-numri tal-*mobiles* taghhom. Dan kien ghal habta ta' Dicembru

---

[2] A fol. 23 tal-process.
[3] A fol. 76 tal-process.

2007. Bdew jiltaqghu mieghu Bugibba. Kien jaghtiha l-flus biex tixtri card tal-*mobile* ghax hi kienet tghidlu li ma kienitx tahdem, ghalkemm fil-verita kienet tahdem. Kien jghidilha li jhobbha u jrid jizzewwigha. Hi qalet li gieli kienet tiltaqa' mieghu u ma' ohtha u gieli iltaqghet mieghu wahedha. Hu kien igibilha l-flus f'envelope u jitlaq minnufih. Fl-istqarrija Daphne qalet li hi qatt ma talbitu flus, u hu kien itiha minn jeddu, ghax kien jghid li jrid jizzewwigha. Hi kienet qaltlu li kellha sbatax (17)-il sena u ma setghetx tizzewwgu. Tghid ukoll li hu kien jiffittaha biex tiehu l-flus, u li hi ma qaltlux li kienet tahdem, ghax bezghet li jmur fuq il-post tax-xoghol taghha. Biex taqta' minn mieghu, qaltlu li kient siefret lejn l-Italja, imma imbaghad regghu bdew jiltaqghu fis-sajf, ghax qalilha li kien se jiggennen u beda jibki. Staqsiha jekk kienitx tahdem u qaltu li le, u regghet iltaqghet mieghu fil-prezenza ta' ohtha Gigliola u rega' ta l-flus. Hi insistiet li hu dejjem ta l-flus minn jeddu u ma kienitx taf ezatt kemm taha flus, ghalkemm fl-opinjoni taghha kien taha xi erba' mitt lira Maltin (LM400). Qalet li ma tafx in-numru tal-*mobile* taghha u ta' ohtha Gigliola, imma qalet li in-numru 99097834 ma kienx taghha. Qalet ukoll li Falzon qatt ma qalilha li l-flus kien iridhom lura.

Fit-tieni stqarrija taghha, rilaxxata fit-3 ta' Marzu 2009, l-imputata Daphne Farrugia qalet li hi gieli talbet lil Falzon xi flus, ghax hu qatt ma kien jghid le, u kien jiffittaha biex jaghtiha l-flus. Qalet ukoll li hi gieli wieghditu li se tizzewwgu biex ma tiksirlux qalbu. Hi qalet ukoll li ohtha Gigliola kienet tmur maghha, pero Felix lilha - cioe lil Daphne – kien jaghti l-flus. Tghid li kienet tiehu lil ohtha maghha ghax kienet tibza' tmur wahedha, pero tghid ukoll li l-iktar li kienet tmur kienet wahedha. Mistoqsija mill-ispettur jekk veru kienitx se tizzewwgu, wiegbet *"Zgur li le."* Hi qalet li kienet tghidlu li se tizzewwgu, ghax anke hu xtaq li jizzewwigha.

L-imputata Gigliola Farrugia xehdet li hi u ohtha kienu iltaqghu ma' Falzon f'Paceville. Fl-ewwel okkazzjoni ma tawhx wicc, u hargu mill-*pub* li kienu fih, u hadu *taxi* biex imorru d-dar. Fil-weekend ta wara marru go *pub* differenti, pero wara xi hin dahal flimkien ma' xi nies barranin, u mar

ikellimhom u bdew jaghmlu hbieb. Fil-fatt regghu iltaqghu l-gimgha ta' wara, u ghamlu hbieb. Falzon ftiehem ma' Daphne biex jiltaqghu fost il-gimgha, imma hi Gigliola kienet dejjem tmur maghha ghax kienet tibza thalliha tmur wahedha. Hija qalet li Falzon kien ihallsilhom id-drinks u l-ikel meta johorgu jieklu go restaurant. Hija xehdet li flus f'idhom qatt ma tahom. Dak iz-zmien kellhom sittax (16)-il sena, u hadd minnhom it-tnejn ma tah x'jifhem li jrid jizzewweg.

F'din l-istqarrija, Gigliola ammettiet li hi u ohtha kienu skambjaw in-numru tal-mobile ma' Falzon, u li kien spiss jibghat xi messagg u huma kienu jibghatu lura. Kienu jiltaqghu Bugibba u meta ltaqghu mieghu kienu dejjem hi u ohtha. Hu kien itihom envelopp bil-flus – daqqa kien hemm tliet mitt euro (€300) u gieli kien hemm iktar. Pero gieli tahom ghaxar euro (€10) jew ghoxrin (€20). Hu kien isaqsihom jekk ihobbuhx u fl-istqarrija Gigliola tghid li kienet twiegbu *"iva, u veru kont inhobbu ghax kont nithassru."* Hi tghid li tahseb li dan il-guvni kien tahom il-fuq minn erbat elef euro (€4000). Dawn il-flus kienet tikkunsidrahom bhala rigal u kienet tmur tixtri l-hwejjeg bihom. Hi cahdet li kienu jitolbuh il-flus, izda hi qalet li hu kien itihom minn jeddu. Il-laqghat taghhom kienu jdumu xi ftit minuti, ghaliex Falzon kien jghid li jibza' minn missieru. Hi tghid hekk: *"Hu kien jghidilna hekk – intkom thobbuni u jien inhobbkom. Ahna konna nghidulu li nhobbuh".*

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Mill-provi fuq riassunti jidher assodat li f'Dicembru 2007, iz-zewg tfajliet tewmin hawn imputati kienu gew akkostati go bar Paceville minn Felix Falzon li pprova jindiehes maghhom. Huma ghall-ewwel ma tawhx wicc u difatti hargu mill-istabbiliment biex jiehdu *taxi* biex jirritornaw id-dar. Fil-weekend ta' wara regghu raw lill-istess Felix Falzon go stabbiliment differenti fil-kumpanija ta' haddiehor u hu rega' mar ikellimhom u din id-darba komplew ftit mieghu. L-imputati u Felix Falzon baqghu jiltaqghu u bil-mod il-mod dawn l-inkontri bdew jizviluppaw f'relazzjoni *sui generis* ma' Falzon li kien ibati minn certi

difetti fis-smiegh u fid-diskors. Iz-zewg imputati li ma ddarsux jaccettaw xi kumplimenti mill-istess Falzon, li beda wkoll joffrilhom li jhallsilhom ghal certi affarijiet li jixtiequ, u b'mod partikolari lil Daphne kien ihallsiha l-flus biex taghmel xagharha, tixtri l-hwejjeg, taghmel difrejha u xtaqet tixtri karozza. Din ir-relazzjoni baqghet sejra ghal xahrejn u cioe sa Jannar 2008, u imbaghad giet interrotta, pero regghet irrizumiet bejn Awwissu u Novembru 2008. F'dawn iz-zewg perjodi Felix Falzon xehed li kien ta diversi ammonti fi flus kontanti lil dawn iz-zewg tfajliet li huwa kien jirtira perjodikament ghal dan l-iskop mill-kont tieghu mal-Bank of Valletta plc.

Mill-istatement bankarju ezebit a fol. 30 *et seq* tal-process jirrizulta li matul dawn iz-zewg perjodi fuq imsemmija gew zbankati s-segwenti ammonti:

Bejn Dicembru 2007 u Jannar 2008:

7 ta' Dicembru – LM300
15 ta' Dicembru - LM180
22 ta' Dicembru - LM70
28 ta' Dicembru - LM250
31 ta' Dicembru - LM250

5 ta' Jannar - €1164.69
11 ta' Jannar - €250
16 ta' Jannar - €322

Bejn Awwissu u Novembru 2008:

6 ta' Awwissu - €396
14 ta' Awwissu - €930
27 ta' Awwissu - €1165
28 ta' Awwissu - €465
10 ta' Settembru - €1445
19 ta' Settembru - €1863.50
19 ta' Settembru - €70.00
26 ta' Settembru - €209.64
3 ta' Ottubru - €466
17 ta' Ottubru - €280
31 ta' Ottubru - €60

31 ta’ Ottubru - €232.94
1 ta’ Novembru - €258.93

Ghalhekk bejn Dicembru 2007 u Jannar 2008 gibed elfejn erba’ mija hamsa u erbghin euro u tmienja u hamsin centezmu (€2445.84), u bejn Awwissu u Novembru 2008 gibed sebat elef mija u wiehed u ghoxrin euro u erba’ u sebghin centezmu (€7121.74), b’kollox disat elef hames mija u sebgha u sittin euro u hamsa u tmenin centezmu (€9567.58) erbat elef mija u sebgha liri Maltin u sitta u tletin centezmu (LM4107.36).

Fil-fehma ta’ din il-Qorti dawn l-izbanki ripetuti jikkorroboraw il-verzjoni ta’ Falzon illi fil-perjodi meta kien qed ikollu kuntatti mal-imputati u partikolarment fit-tieni perjodu, l-izbanki li kien jaghmel sparaw ‘l fuq u kienu ferm u ferm oghla mill-medja tal-izbanki li kien jaghmel kull xahar ghall-uzu personali tieghu, li bejn Frar u Lulju 2008 kienu medja ta’ mitejn u ghoxrin euro (€220.00) fix-xahar – somma ragonevoli meta wiehed iqis li Falzon kien jghix mal-genituri tieghu. Konsegwentement hija ferm aktar kredibbli l-verzjoni ta’ Falzon li kien ivversa eluf ta’ Euro lill-imputati.

Ikkunsidrat illi jidher li f’certi perjodi din ir-relazzjoni ta’ “on again – off again” bejn iz-zewg tfajliet u l-ammiratur taghhom bdiet tiehu x-xejra ta’ esplojtazzjoni manifesta ta’ Felix Falzon, b’mod illi b’certu luzingar ta’ imhabba u sentimenti amoruzi, gie indott jahseb – tajjeb jew hazin – illi Daphne Farrugia kienet lesta tapprofondixxi din ir-relazzjoni bi zwieg eventwali, u dan kompla induca lil Falzon biex izid is-sostenn finanzjarju liz-zewg tfajliet billi anke hu xtaq li jizzewweg lil Daphne Farrugia.

Ikkunsidrat illi f’dan l-istadju, r-relazzjoni ta’ semplici accettazzjoni ta’ kumplimenti, rigali u forsi anki xi self, giet immanipulata miz-zewg imputati u trasformata f’wahda ta’ relazzjoni qarrieqa li l-oggett principali taghha kien kif ser jisolhu aktar u aktar flus minghand Falzon billi jkomplu jilluzjonawh dwar il-prospetti ta’ relazzjoni amoruza attwali u eventwali ta’ Daphne Farrugia, jekk mhux ukoll mat-tnejn.

Dan il-luzingar jidher anki assodat minn certi *text messages* fuq il-*mobile* – ara Dok IC5[4] u MB1[5] - li ghaddew bejn Falzon u l-imputati li din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li originaw mill-mobiles ta' wahda jew l-ohra, minkejja c-cahda taghhom li sar hekk. Dawn id-dikjarazzjonijiet ta' imhabba jew ta' natura sentimentali jidher li kienu qarrieqa mill-istess depozizzjoni tat-tfaljiet imputati, li t-tnejn cahdu li kienu interessati f'Falzon fuq livell sentimentali. Altru li tithassar bniedem ghax ikollu xi difetti fizici, u altru li toqghod timlilu rasu *b'text messages* ta' holm fuqu u ta' bews, li zgur komplew jinfluwenzaw lil Falzon biex ikun b'idejh miftuha maghhom.

Id-difiza fit-trattazzjoni taghha issottomettiet li dan il-kaz kien *borderline*, u li l-kaz jinkwadra ruhu semplicement f'kumplimenti u liberalitajiet fi flus li jaghmel kull ragel interessat f'mara biex jimpressjonaha u jakkwista l-favuri sentimentali taghha, u skont id-difiza, m'hemmx l-elementi tar-reat ta' frodi innominata u ta' truffa li bihom qed jigu akkuzati z-zewg tfajliet.

Din il-Qorti irriflettiet fit-tul fuq din is-sottomissjoni difensjonali, pero thoss li mill-assjem tal-provi u fic-cirkostanzi partikolari ta' Felix Falzon, dan il-*borderline* gie oltrepassat billi z-zewg tfajliet, b'mod kontinwat, sfruttaw il-karattru ta' Falzon b'mod li rnexxielhom f'hames (5) xhur jakkwistaw minghandu b'qerq ammont sostanzjali ta' eluf ta' Euro kif jirrizulta mix-xhieda ta' Falzon u mill-istatement bankarju ezebit.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk tirrizulta ampjament fil-konfront taz-zewg imputati bhala ko-awturi l-akkuza ta' frodi b'eghmil qarrieqi kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, u dan b'mod partikolari ghall-perjodu bejn Awwissu u Novembru 2008, billi z-zewg tfajliet imputati inqdew b'qerq, b'ingann u billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu lil Falzon jemmen li kien hemm interess amoruz

[4] A fol. 23 tal-process.
[5] A fol. 76 tal-process.

bis-serjeta, u anke biex iqanqlu fih it-tama li wahda minnhom setghet anke tizzewwgu.

Dana sintendi jikkomprendi l-htija tar-reat taht l-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali, li minhabba l-konkors formali u ideali jigi assorbit fir-reat magguri taht l-Artikolu 308.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li meta kkommettew ir-reat, l-imputati kienu ghadhom minuri, u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kodici Kriminali, l-piena ghandha titnaqqas bi grad.

Pero, fil-kaz odjern, dan il-beneficcju huwa newtralizzat minhabba l-fatt, li r-reat kien wiehed kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, u fil-fehma ta' din il-Qorti, fic-cirkostanzi tal-kaz, il-piena ghandha tizdied bi grad.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll li l-fedina penali aggornata tal-imputati hija wahda netta.

Kif diga inghad iktar il-fuq, r-reat taht l-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali huwa assorbit fir-reat magguri taht l-Artikolu 308, minhabba l-konkors formali u ideali.

Fl-ahharnett fil-fehma ta' din il-Qorti, meta wiehed iqis dak li kien jizbanka Falzon fiz-zmien meta ma' kellux relazzjoni ma' l-imputati u cioe, kif intqal iktar il-fuq madwar mitejn u ghoxrin euro (€220) fix-xahar, ghal fini tad-determinazzjoni tal-kumpens, kif hawn taht aktar l-isfel ser jissemma, il-Qorti tqis li l-qliegh b'qerq kien jammonta ghal tmint elef erba' mija sitta u sebghin euro u hamsin centezmu (€8467.50), disat elef hames mija seba' u sittin euro u hamsa u tmenin centezmu (€9567.58) – elf u mitt euro (€1100) mitejn u ghoxrin euro (€220 x 5 xhur)).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda issib lill-imputati hatja ta’ frodi b’eghmil qarrieqi kif ukoll ta’ qliegh b’qerq fil-konfront ta’ Felix Falzon ghal perjodu ta’ bejn Dicembru 2007 u Jannar 2008 u ghal perjodu bejn Awwissu 2008 u Novembru 2008, bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a), 37, 31, 533 u 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannahom ghal piena karcerarja ta’ sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ai termini tal-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hatja, ihallsu lil Felix Falzon fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, is-somma ta’ tmint elef erba’ mija u sebgha u sittin Euro u hamsin centezmu (€8467.50) liema somma qed tigi stabbilita minn dina l-Qorti bhala kumpens ghat-telf minnu subit.

Ai termini tal-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u semplici l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqsu milli josservawha, u cioe f’kaz li jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqsu li jhallsu lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

Il-Qorti qieghda wkoll tordna lill-hatja ihallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, u cioe’ mitejn tmienja u disghin Euro u sittax-il centezmu (€298.16) ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------